Nru./No. 19,210
Prezz/Price
€4.68

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 18 ta' Frar, 2014
Tuesday, 18th February, 2014

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 1433 - 1441
Government Notices ..... *1433 - 1441*

Avviż tal-Pulizija 1442
Police Notice *1442*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 1442 - 1460
Employment Opportunities ..... *1442 - 1460*

Avviżi tal-Gvern ..... 1460 - 1483
Notices ..... *1460 - 1483*

Offerti ..... 1484 - 1515
Tenders ..... *1484 - 1515*

Avviżi tal-Qorti ..... 1515 - 1532
Court Notices ..... *1515 - 1532*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 153

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 19,206 u 19,209 tas-7 u l-14 ta' Frar, 2014, rispettivament:

A.L. 49 tal-2014: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Statut għaċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Kottonera tal-Università ta' Malta.

A.L. 50 tal-2014: Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 497); Ordni tal-2014 li jwaqqaf l-Aġenzija dwar it-Taqsima dwar l-Enerġija Sostenibbli u l-Konservazzjoni tal-Ilma.

A.L. 51 tal-2014: Att tal-2013 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att XIV tal-2013); Avviż ta' Dħul fis-Seħħ.

A.L. 52 tal-2014: Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406); Regolamenti tal-2014 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Rata ta' Mgħax).

A.L. 53 tal-2014: *Insurance Business Act (Cap. 403); Insurance Business (Fees) Regulations, 2014*.

A.L. 54 tal-2014: *Insurance Intermediaries Act (Cap. 487); Insurance Intermediaries (Fees) Regulations, 2014*.

A.L. 55 tal-2014: Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika (Kap. 174); Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

A.L. 56 tal-2014: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Ordni tal-2014 dwar Skambju ta' Informazzjoni (Materja ta' Taxxa) (Gżejjer Cayman).

A.L. 57 tal-2014: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Ordni tal-2014 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxa fuq l-*Income*) (L-Istat ta' Iżrael)) (A.L. 343 tal-2013); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. 58 tal-2014: Att dwar il-Patrominju Kulturali (Kap. 445); Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħlasijiet għad-Dħul fil-Mużewijiet, Siti u Kollezzjonijiet Nazzjonali.

A.L. 59 tal-2014: Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji (Att Nru. IX tal-1980); Ordni tal-2014 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Avviż Legali 47 tal-2014).

GOVERNMENT NOTICES

No. 153

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 19,206 and 19,209 of the 7th and the 14th February, 2014:

L.N. 49 of 2014: Education Act (Cap. 327); Statute for the University of Malta Cottonera Resource Centre.

L.N. 50 of 2014: Public Administration Act (Cap. 497) Sustainable Energy and Water Conservation Unit (Establishment as an Agency) Order, 2014.

L.N. 51 of 2014: Value Added Tax (Amendment) Act, 2013 (Act XIV of 2013); Commencement Notice.

L.N. 52 of 2014: Value Added Tax Act (Cap. 406); Value Added Tax (Rate of Interest) Regulations, 2014.

L.N. 53 of 2014: Insurance Business Act (Cap. 403); Insurance Business (Fees) Regulations, 2014.

L.N. 54 of 2014: Insurance Intermediaries Act (Cap. 487); Insurance Intermediaries (Fees) Regulations, 2014.

L.N. 55 of 2014: Financial Administration and Audit Act (Cap. 174); Public Procurement (Amendment) Regulations, 2014.

L.N. 56 of 2014: Income Tax Act (Cap. 123); Exchange of Information (Tax Matters) (Cayman Islands) Order, 2014.

L.N. 57 of 2014: Income Tax Act (Cap. 123); Double Taxation Relief (Taxes on Income) (The State of Israel) Order, 2013 (L.N 343 of 2013) Commencement Notice.

L.N. 58 of 2014: Cultural Heritage Act (Cap. 445); National Museums, Sites and Collections (Admission Fees) Regulations, 2014.

L.N. 59 of 2014: Statute Law Revision Act, 1980 (Act No. IX of 1980); Correction of Laws Order, 2014 (Legal Notice 47 of 2014).

A.L. 60 tal-2014: Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji (Att Nru. IX tal-1980); Ordni tal-2014 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Kap. 55).

A.L. 61 tal-2014: Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' Euro 100,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta.

A.L. 62 tal-2014: Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318); Ordni tal-2014 dwar Żjieda fir-Rati ta' Benefiċċji.

A.L. 63 tal-2014. Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188); Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iċ-Ċittadinanza (Emenda Nru. 2).

It-18 ta' Frar, 2014

L.N. 60 of 2014: Statute Law Revision Act, 1980 (Act No. IX of 1980); Correction of Laws Order, 2014 (Cap. 55).

L.N. 61 of 2014: Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Minister for Finance for the Issue of Euro 100,000,000 Malta Government Stocks.

L. N. 62 of 2014: Social Security Act (Cap. 318); Increase in the Rates of Benefits Order, 2014.

L.N. 63 of 2014: Maltese Citizenship Act (Cap. 188); Citizenship (Amendment No. 2) Regulations, 2014.

18th February, 2014

Nru. 154

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA (KAP. 251)

Rikonoxximent tal-Għotja

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 29 (1) tal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, awtorizza r-rikonoxximent tal-għotja:

(a) tal-Midalja għall-Missjonijiet tal-Paċi tal-Ministeru tad-Difiża tal-Olanda li ngħatat lil dawn il-membri tal-Forzi Armati ta' Malta:

Lt. Kurunell I. Ruggier	-
Il-Kaptan M. Camilleri	-
Sgt. A. Plum	86522
Bdr. R. Xerri	86888
Gnr. D. Tonna	87297
Gnr. C. Camilleri	87248
Gnr. M. Mercieca	87246
Gnr. J. Delia	87134
Gnr. S. Theuma	87056
Gnr. J. Gerada	87019

(b) ta' strixxa jew figura żgħira ta' numru 2 imwaħħla mal-Midalja għall-Missjonijiet tal-Paċi tal-Ministeru tad-Difiża tal-Olanda lil dawn il-membri tal-Forzi Armati ta' Malta:

Il-Kaptan. J. Degiorgio	-
Staff Sgt. J. Galdies	86101
Staff Sgt. C. Stafrace	86293
Bdr. R. Eddleston	86627
Bdr. J. Cachia	86795
Bdr. J. Demicoli	86841
Lbdr. J. Bruno	86915

No. 154

REPUBLIC ACT (CAP. 251)

Recognition of Conferment of Award

IT is hereby notified that in terms of Article 29 (1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has authorised the recognition of the conferment of the award:

(a) the Medal for Peace Operations by the Dutch Ministry of Defence upon the following Armed Force of Malta members:

Lt. Colonel I. Ruggier	-
Capt. M. Camilleri	-
Sgt. A. Plum	86522
Bdr. R. Xerri	86888
Gnr. D. Tonna	87297
Gnr. C. Camilleri	87248
Gnr. M. Mercieca	87246
Gnr. J. Delia	87134
Gnr. S. Theuma	87056
Gnr. J. Gerada	87019

(b) a bar or a small 2 affixed to the Medal for Peace Operations by the Dutch Ministry of Defence upon the following members of the Armed Force of Malta:

Capt. J. Degiorgio	-
Staff Sgt. J. Galdies	86101
Staff Sgt. C. Stafrace	86293
Bdr. R. Eddleston	86627
Bdr. J. Cachia	86795
Bdr. J. Demicoli	86841
Lbdr. J. Bruno	86915

Lbdr. D. Borg	86925
Lbdr. D. Gatt	87008
Lbdr. C. Camilleri	87010
Lbdr. J. Aquilina	87011
Lbdr. R. Abdilla	87013

It-13 ta' Frar, 2014
OPM/C/575/62/XI

Lbdr. D. Borg	86925
Lbdr. D. Gatt	87008
Lbdr. C. Camilleri	87010
Lbdr. J. Aquilina	87011
Lbdr. R. Abdilla	87013

13th February, 2014

Nru. 155

DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak Il-Kunsill Lokali b'seħħ mis-6 ta' Frar, 2014:

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
Ix-Xagħra	Ivan Attard

It-18 ta' Frar, 2014

No. 155

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council with effect from the 6th February, 2014:

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
Xagħra	Ivan Attard

18th February, 2014

Nru. 156

SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Segretarju Eżekuttiv ta' dak Il-Kunsill Lokali b'seħħ mis-6 ta' Frar, 2014:

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Ezekuttiv*
Paola	Kurt Scerri

It-18 ta' Frar, 2014

No. 156

LOCAL COUNCIL EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Executive Secretary of that Local Council with effect from the 6th February, 2014:

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
Paola	Kurt Scerri

18th February, 2014

Nru. 157

ĦATRA TA' AĠENT NUTAR PRINĊIPALI TAL-GVERN

IS-SEGRETARJU Permanenti Prinċipali approva l-ħatra temporanja li ġejja:-

No. 157

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF NOTARY TO GOVERNMENT

THE Principal Permanent Secretary has approved the following acting appointment:-

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Not. Dr Paul Callus	Aġent Nutar Prinċipali tal-Gvern *Acting Chief Notary to Government*	Nutar tal-Gvern *Notary to Government*	1.7.2013 - 30.06.2014

L-14 ta' Frar, 2014

14th February, 2014

Nru. 158

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra li ġejja:-

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Albert Zahra	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	12 – 14.02.2014

It-18 ta' Frar, 2014

No. 158

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following appointment:-

18th February, 2014

Nru. 159

KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291), il-Prim Ministru approva l-ħatra bħala Kummissarji għall-Ġustizzja, għal perjodu ta' sentejn, b'seħħ mill-14 ta' Frar, 2014 ta':

Avv. Dott. Matthew Brincat, LL.D.
Avv. Dott. Deborah Farrugia, LL.D.

It-18 ta' Frar, 2014
(MJ/5/1988/III)
(OPM/141/1981/II)

No. 159

COMMISSIONERS FOR JUSTICE

IT is notified that in accordance with the Commissioners for Justice Act (Cap. 291) the Prime Minister approved the appointment as Commissioners for Justice, for a period of two years, with effect from 14th February, 2014 of:

Dr Matthew Brincat, LL.D.
Dr Deborah Farrugia, LL.D.

18th February, 2014

Nru. 160

ATT DWAR IL-PROFESSJONI TA' XOGĦOL SOĊJALI (KAP. 468)

Ħatra ta' Membri tal-Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 4 tal-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali, u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approvat il-ħatra tal-persuni msemmija hawn taħt fuq il-Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali:

Għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mit-12 ta' Frar, 2014 sal-11 ta' Frar, 2016.

Chairperson
Is-Sa Colette Farrugia Bennett, B.A. (Social Work), M.A. (Social Work)

No. 160

SOCIAL WORK PROFESSION ACT (CAP. 468)

Appointment of Members of the Social Work Profession Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by article 4 of the Social Work Profession Act, and for the purpose of that Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has approved the appointment of the persons listed hereunder on the Social Work Profession Board:

For period of two years with effect from 12th February, 2014 up to 11th February, 2016.

Chairperson
Ms Colette Farrugia Bennett, B.A. (Social Work), M.A. (Social Work)

Membri

Is-Sa Josephine Muscat, Dip. (Soc. Work), Post Grad. Cert. in Psychology

Is-Sa Ruth Stafrace, B.A. (Soc. Work)

Dott. Andy Ellul, LL.D.

Segretarja

Is-Sa Nadya Hansen, Dip. Soc. Stud. (Gender & Development)

Il-perjodu tal-kariga tal-membri hawn taħt imsemmija jibqa' validu sal-31 ta' Mejju, 2014.

Is-Sa Christina Galea Curmi, B.A. (Hons.) Appl. Soc. Work

Is-Sa Roslynn Vella, B.A. (Hons.) (Soc.Work), M.Sc. (HRM&Trg.)

Is-Sa Daniella Zerafa, B.A. (Hons.) (Soc.Work.), M.S.W. (Monash)

It-18 ta' Frar, 2014

Members

Ms Josephine Muscat, Dip. (Soc. Work), Post Grad. Cert. in Psychology

Ms Ruth Stafrace, B.A. (Soc. Work)

Dr Andy Ellul, LL.D.

Secretary

Ms Nadya Hansen, Dip. Soc. Stud. (Gender & Development)

The term of office of the members listed hereunder will remain valid until the 31st May, 2014.

Ms Christina Galea Curmi, B.A. (Hons.) Appl. Soc. Work

Ms Roslynn Vella, B.A. (Hons.) (Soc.Work), M.Sc. (HRM&Trg.)

Ms Daniella Zerafa, B.A. (Hons.) (Soc.Work.), M.S.W. (Monash)

18th February, 2014

Nru. 161

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 364)

B'REFERENZA għal-lista ta' Uffiċjali Reviżuri maħtura mill-Kunsill Nutarili, li lilhom għandhom jiġu ppreżentati għall-ispezzjoni, bejn April 2014 u Settembru 2014, l-Atti Inter Vivos kollha ppubblikati min-Nutara li qegħdin jeżerċitaw il-professjoni tagħhom f'Malta u f'Għawdex għas-sena bażi 2013, skont l-artikolu 94A tal-Att Dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili (Kap. 55), fl-indirizzi tar-Reviżuri hawn taħt indikati, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,206 tas-7 ta' Frar, 2014, ngħarrfu illi għandu jiżdied dan li ġej fil-lista.

Is-7 ta' Frar, 2014

No. 161

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

WITH reference to the list of Review Officers appointed by the Notarial Council, to whom all acts Inter Vivos published during the year 2013 by warranted Notaries exercising their profession in Malta and Gozo have to be presented for inspection between April and September 2014 in terms of article 94A of the Notarial Profession and Notarial Archives Act (Cap. 55), at the undermentioned addresses of the Reviewers, published in Government Gazette No. 19,206 of the 7th February, 2014, it is notified that the following addition is to be included with the list.

7th February, 2014

Isem *Name*	Uffiċjal Reviżur 2014 *Review Officer 2014*	Xahar *Month*
Brincat Edwina	Dr Richard Vella Laurenti, LL.D.	Lulju
Sammut Leanne	Dr Richard Vella Laurenti, LL.D.	Awwissu

Indirizz tar-Reviżur:

Dott. Richard Vella Laurenti:
69, Triq Nicolò Isouard, Tas-Sliema, SLM 2084. Tel: 21331586/9942 0164.

Reviewer's Address:

Dr Richard Vella Laurenti:
69, Triq Nicolò Isouard, Sliema, SLM 2084. Tel: 21331586/9942 0164.

Nru. 162

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT Nru. XIII tal-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, għat-termini tal-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 162

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT No. XIII of 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996 hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenzja bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of a Local Warden

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Matthew Barbara	271093 (M)	33, "Agnus Dei", Triq il-Lewż, Gudja.

Applikazzjoni għal-liċenzja bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Melvin Grange	151989 (M)	*Private Address:-* 35, "The Grange", Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk. *Agency Address:-* Grange Security (Malta) Ltd. 35, "The Grange", Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk

Applikazzjoni għal-liċenzja bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Rosario La Forte	71745 (A)	441, "Jesmond", Triq l-Imdina, Qormi.
Marjohn Vella	29089 (G)	70, Triq it-Torri Tinġi, Xewkija, Għawdex.
Arlen Dimech	257095 (M)	34, "Madonna Ta' Pinu", Triq Qrajten, Pietà.
Cleaven Muscat	38183 (M)	Blokk A2, Flat 5, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke.
Roderick Borg	388385 (M)	52, "Belvedere", Triq it-Tabib Nikol Zammit, Siġġiewi.

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Ivan Spagnol	265675 (M)	13, "Turtle Dove", Triq il-Vittimi tal-Gwerra, Żejtun.
Eric Galea	9290 (M)	53, "Morning Dew", Triq Ġużè Ebejer, Dingli.
Louis Spiteri	557259 (M)	32, Triq Antonio Agius, Floriana.
Zvetlana Grech	602391 (M)	"Magpie", Triq it-Tapizzara, Qormi.
Malcolm Zammit	552693 (M)	28, "Anfield", Pjazza Joseph Briffa, Birkirkara.
Beverly Bondin	63491 (M)	"Odeon", Blokk D, Flat 2, Triq id-Duluri, Ħamrun.
Harold Zammit	160180 (M)	"Mirhar", Triq il-Belt Valletta, Qormi.
Jonathan Debono	275789 (M)	"Our Nest", Trejqa Ta' Raddiena, San Ġwann.
Dylan James Frendo	270913 (L)	Blokk L, Flat 1, Triq Xemxija, Marsa.
Annabelle Spiteri	18190 (G)	94, Triq Tal-Ħamrija, Xewkija, Għawdex.
Raymond Borg	432858 (M)	4, Sqaq it-Torri Numru 4, Mosta.
Raymond Piccione	397181 (M)	"Sardinella", Blokk 1, Flat 2, Triq Fredu Abela, Fgura.
Eugen Cosmin Savescu	62257 (A)	Appartamenti Yacht Marina, Blokk 3, Flat 1, Triq ix-Xatt, Pietà.
Antoine Cachia	513675 (M)	54, "Anna", Triq l-Assunta, Marsa.
Anthony Mercieca	13666 (G)	"Ġisimin", Triq Ħamsin, Xewkija, Għawdex.
Martin Plamenov Hadzhiyski	68295 (A)	41 , "Georita Court", Flat 1, Triq il-Ġlieba, San Pawl il-Baħar.
Vincent Gatt	703558 (M)	16, "Nid D'Amour", Triq il-Markiża, Gudja.
Lawrence Aquilina	500776 (M)	"Laurfion", Triq Caravaggio, Għargħur.

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkun se jigu ipprovduti mill-applikant:-

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant:-

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-18 ta' Frar, 2014

Nru. 163

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

It-18 ta' Frar, 2014

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:
A detailed justification is presented below:

Numru ta' Riferenza: TRK. 153307
Post: Sit f'Ta' Garraffa limiti tax-Xewkija, Għawdex,
Proposta: Bidla fl-użu ta' razzett mit-trobbija ta' *broilers* għal 5,100 *layers* u biex jiżdied in-numru ta' *layers* għal 25,000 u estensjoni tad-demmiela.

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

18th February, 2014

No. 163

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

18th February, 2014

Reference Number: TRK. 153307
Location: Site at, Ta' Garraffa limits of Xewkija, Gozo,
Proposal: Change of use from broilers to layer (5,100 heads) and to increase the number of heads to 25,000 layers and propose extension to manure clamp.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kienet sottomessa lill-Awtorità fit-12 ta' Novembru, 2013 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fid-9 ta' Jannar, 2014.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 12th November, 2013 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 9th January, 2014.

Impatti potenzjali *Potential Impacts*	Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ. *Remarks on mitigation measures, etc.*
Impatt fuq il-kwalità tal-arja, storbju, vibrazzjonijiet u skart	Impatti f'termini ta' kwalità tal-arja, storbju, vibrazzjonijiet, it-tniġġis tad-dawl u l-ġestjoni tal-iskart, essenzjalment relatati ma' dawn it-tipi ta' żvilupp mhux mistennija li jkunu sinjifikanti Dawn l-impatti jistgħu jiġu indirizzati b'mod sodisfaċenti permezz ta' salvagwardji *standard* mogħtija mill-permessi ta' żvilupp u mekkaniżmi operattivi.
Impact on air quality, noise, vibrations, waste.	*Impacts in terms of air quality, noise, vibrations, light pollution and waste management normally associated with such developments are not expected to be significant and can be satisfactorily addressed through standard safeguards afforded by mainstream development permitting and operational permitting mechanisms.*
Impatt viżiv	L-impatt viżiv tal-iżvilupp jista' jitnaqqas permezz ta' *soft landscaping* xieraq. Din il-mitigazzjoni tista' tiġi indirizzata direttament permezz tal-proċess ta' żvilupp.
Visual impact	*Impact on visual amenity can be mitigated through a suitable soft-landscaped buffer. Such improvement/mitigation can be addressed directly through the mainstream development permitting process.*

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

It-18 ta' Frar, 2014

18th February, 2014

Nru. 164

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

No. 164

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
18. 02. 2014	€30.969	€0.521

It-18 ta' Frar, 2014

18th February, 2014

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 10

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Ħaż-Żabbar

Nhar Il-Ħadd, 9 ta' Marzu, 2014 mis-2.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Triq il-Qoton, Triq A. Caligari, Triq il-Figel, Triq il-Qaqoċċ, Pjazza San Nikola, Triq ix-Xgħajra, Misraħ San Ġakbu, Triq il-Kbira, u Triq is-Santwarju.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż ikunu suġġett li jkunu rmunkati.

It-18 ta' Frar, 2014

POLICE NOTICE

No. 10

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Ħaż-Żabbar

On Sunday, 9th March, 2014 from 2.00 p.m. onwards through the following streets: Triq il-Qoton, Triq A. Caligari, Triq il-Figel, Triq il-Qaqoċċ, Pjazza San Nikola, Triq ix-Xgħajra, Misraħ San Ġakbu, Triq il-Kbira, and Triq is-Santwarju.

Vehicles found in contravention of this notice will be liable to be towed.

18th February, 2014

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sejħa għall-applikazzjonijiet għall-Kariga ta' Uffiċjal Kap Eżekuttiv fil-*Management Efficiency Unit* fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Ref.: MPO 7/2006/03, ETC 263881;
Numru tal-Permess tal-ETC: 16/2014

(Approvazzjoni ta' Capacity Building datata l-10 ta' Jannar, 2014)

Nomenklaturi fil-maskil għandhom jittieħdu bħala li qed jirreferu wkoll għall-femminil.

Jintlaqghu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Kap Eżekuttiv (CEO) tal-*Management Efficiency Unit (MEU)* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru (OPM).

Tul u Kundizzjonijiet tal-Ingaġġ

2.1 Il-kandidat li jintagħżel isirlu Kuntratt ta' Servizz definit għal 36 xahar bħala Kap Eżekuttiv tal-MEU fl-OPM, liema kuntratt jista' jiġi mġedded. F'każ li x-xogħol imwettaq minnu tul il-perjodu tal-kuntratt ma jkunx sodisfaċenti, il-kuntratt jiġi tterminat.

2.2 Minħabba li din il-kariga hija regolata biż-żmien, tikkostitwixxi raġuni oġġettiva fir-rigward ta' Regolament 7(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Nru 452.81 bit-Titlu "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss".

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Call for Applications with respect to the Position of Chief Executive Officer in the Management Efficiency Unit within the Office of the Prime Minister

Ref.: MPO 7/2006/03, ETC 263881;
ETC Permit No. 16/2014

(Capacity Building approval dated 10th January, 2014)

Nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

Applications are invited for the position of Chief Executive Officer (CEO) at the Management Efficiency Unit (MEU) within the Office of the Prime Minister (OPM).

Duration and Conditions of Assignment

2.1 A selected candidate will enter into a 36 month definite Contract of Service as a CEO within the MEU in the OPM, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as CEO during the contract period will lead to termination of the Contract.

2.2 Since this position is time barred, it constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled "Contracts of Service for a Fixed Term Regulations".

2.3 Jekk il-kandidat magħżul huwa Uffiċjal Pubbliku bi grad sostantiv/status indefinit mas-Servizz Pubbliku Malti, huwa jżomm dan il-grad sostantiv/status indefinit għat-tul tal-perjodu tal-kuntratt u jerġa' jaqleb għal dan il-grad sostantiv/status indefinit jekk jiġi terminat il-kuntratt.

2.4 F'każ li kandidat magħżul ma jkunx Uffiċjal Pubbliku mas-Servizz Pubbliku Malti, l-impjieg tiegħu mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-Gvern ta' Malta ma jitkompliex ġaladarba jiġi tterminat il-kuntratt.

Salarju abbinat mal-kariga

3.1 Is-salarju inizzjali abbinat mal-kariga ta' CEO fl-MEU hu ta' €42,027 fis-sena (sena bażi 2014).

3.2 Minħabba n-natura partikolari tad-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni, il-persuna maħtura tkun intitolata wkoll għal *allowance* ta' €5,000 fis-sena, *allowance* ta' 175 litru fix-xahar għall-*fuel*, *allowance* għal telefon ċellulari marbuta mal-ħlas attwali tal-kontijiet sakemm ma jinqabiżx il-limitu stabbilit ta' €815.28 fis-sena, u wkoll *internet allowance* marbut mal-ħlas tal-kontijiet sakemm ma jinqabiżx limitu ta' €500 fis-sena.

3.3 Jista' jitħallas *performance bonus* sa massimu ta' 15% tas-salarju gross fis-sena. Dan isir abbażi tal-mekkaniżmu ta' *performance appraisal* tal-MEU li jkun imħaddem minn żmien għal żmien. Din iż-żieda abbażi ta' *performance* tista' tingħata lill-Kap Eżekuttiv darba biss matul il-perjodu ta' sena finanzjarja.

Dmirijiet

4.1 L-għan ewlieni tal-pożizzjoni ta' Kap Eżekuttiv hija t-tmexxija tal-ħidma u tal-istaff kollu tal-MEU, u s-sehem fi proġetti ta' natura ġenerika jew speċjalizzata li l-Gvern ikun jixtieq iwettaq minn żmien għal żmien u kif immexxi mis-Segretarju Permanenti Ewlieni b'mod dirett, jew indirett permezz tal-Kap Ko-ordinatur (Taħriġ, Riċerka u Konsulenza) fi ħdan l-OPM.

4.2 Proġetti ta' konsulenza li jmexxi u jkun involut fihom il-Kap Eżekuttiv jistgħu jinkludu element wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin: *reviews* ta' operat, żvilupp ta' *policies*; ippjanar strateġiku, immaniġġjar ta' proġetti; interventi fuq immaniġġjar jew żvilupp ta' riżorsi umani; *management* ġenerali; *management* finanzjarju; *change management*; tfassil/żvilupp organizzattiv; pre-IT *business analysis*; inizjattivi ta' *joined-up Government*; studji ta' vijabbiltà; ippjanar ta' azzjoni ta' implimentazzjoni, tħejjija ta' applikazzjonijiet għal proġetti ko-finanzjati mill-UE u, fejn ikun meħtieġ, tmexxija u għajnuna fit-twettiq ta' dawn il-proġetti finanzjati mill-UE; u kull funzjoni oħra jew dmir

2.3 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade/indefinite status during the contract period and will revert to his/her substantive grade/indefinite status on the termination of the Contract.

2.4 In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, his/her employment with the Office of the Prime Minister and the Maltese Government will be discontinued in case of termination of assignment.

Salary pegged to the position

3.1 The starting salary attached to the position of CEO at MEU is € 42,027 per annum (Year 2014 basis).

3.2 In view of the special nature of the duties involved, the appointee will also be entitled to a transport allowance of € 5,000 per annum, a fuel allowance of 175 litres per month, a mobile phone allowance related to the actual payment of bills subject to the established ceiling of €815.28 per annum, and an internet use allowance related to the actual payment of bills subject to the established ceiling of €500 per annum.

3.3 A performance bonus of up to 15% of the gross salary per annum may be payable. Such assessment will be based on the performance appraisal mechanism within the MEU from time to time. The performance increment may be awarded to the CEO in whole only once during a financial year.

Duties

4.1 The overall purpose of the CEO position is to manage the operations and staff of the MEU and participate in projects of a general business or specialist nature, as Government may pursue from time to time and as directed by the Principal Permanent Secretary, either directly or through the Head Coordinator (Training, Research and Consultancy) within the OPM.

4.2 Consultancy project assignments managed and undertaken may include one or more elements of the following: operational reviews; policy development; strategic planning; project management; human resources management/development interventions; general management; financial management; change management; organisation design/development; pre-IT business analysis; joined-up Government initiatives; financial/market feasibility studies; implementation action planning; overseeing applications for EU-funded projects and where necessary leading or supporting the delivery of such EU-funded projects; and any other functions or duties that shall be laid down from time

ieħor li jiġu deċiżi minn żmien għal żmien mis-Segretarju Permanenti Ewlieni direttament, jew indirettament permezz tal-Kap Ko-ordinatur (Taħriġ, Riċerka u Konsulenza) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

4.3 Ir-responsabbiltajiet u dmirijiet prinċipali ta' Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-*Management Efficiency Unit* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru jinkludu:

(a) Li jmexxi l-MEU fil-missjoni, strateġija, operat u struttura organizzattiva tagħha, u jkun responsabbli li jassigura eċċellenza fil-ħidma tal-MEU;

(b) Li jipprovdi direzzjoni fl-immaniġġjar ta' proġetti, programmi u inizjattivi oħra flimkien mal-proċessi relatati magħhom, li tinkludi mmaniġġjar ta' riżorsi, *staff*, aspettativi u *deliverables* tal-klijenti;

(ċ) Li jipprovdi assistenza u għajnuna lil, u jirċievi struzzjonijiet mingħand, is-Segretarju Permanenti Ewlieni jew il-Kap Ko-ordinatur (Taħriġ, Riċerka u Konsulenza) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, għall-iżvilupp, immaniġġar u implimentazzjoni ta' programmi ta' bidla meħtieġa kif ukoll f'materji oħra relatati ma' tmexxija aħjar tal-Amministrazzjoni Pubblika;

(d) Li jeżerċita ingaġġ, tmexxija, monitoraġġ, superviżjoni, gwida u evalwazzjoni tal-istaff fl-MEU, skont il-ħtieġa biex jiżgura xogħol u riżultati ta' livell għoli, kif ukoll għall-motivazzjoni, żvilupp professjonali u l-ħarsien tagħhom b'mod ġenerali;

(e) Li jaħdem mill-qrib u jikkoordina mas-*senior staff* fl-MEU li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu rigward il-protokoll operattiv u l-proċeduri għal proġetti ta' konsulenza, dokumenti ta' tħejjija, termini ta' referenza, skedi, pjanijiet finanzjarji rapporti u preżentazzjonijiet;

(f) Li jaħdem mill-qrib, u jassisti lill-klijenti rigward il-kejl, analiżi u prijoritizzar ta' sfidi u opportunitajiet, u jiżgura li l-proġetti proposti jkunu konformi mal-istrateġiji u l-politika tal-Gvern;

(g) Li jirrappreżenta lill-MEU f'avvenimenti kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

Il-ħiliet prinċipali u ħtiġiet oħra li għandu jkollu l-Kap Eżekuttiv fl-MEU jinkludu:

(a) abbiltà li jaħseb b'mod strateġiku, analitiku u fir-rigward ta' kunċetti fejn jidħol immaniġġar organizzattiv, bidla u żvilupp;

b) Livell għoli fl-abbiltajiet interpersonali, kif ukoll dawk ta' komunikazzjoni u preżentazzjoni (verbali u miktuba);

to time by the Principal Permanent Secretary, either directly or through the Head Coordinator (Training, Research and Consultancy) within the OPM.

4.3 The main responsibilities and duties of the Chief Executive Officer at the Management Efficiency Unit in the Office of the Prime Minister include:

(a) Providing leadership to the MEU through its mission, strategy, operations and organizational structure, and is responsible to ensure performance excellence by MEU;

(b) Providing overall direction to the management of projects, programmes and other initiatives and all related processes, including management of project resources, staff, client expectations and deliverables;

(c) Providing advice and support to, and receive instruction from, the Principal Permanent Secretary or the Head Coordinator (Training, Research and Consultancy) OPM, for the development, management and implementation of any required change programme as well as any other issues related to the better management of the Public Administration;

(d) Undertaking recruiting, managing, monitoring, supervising, guiding and evaluating of MEU staff resources, as may be required to ensure high level work, outputs and results, as well as for their own motivation, professional development and general wellbeing;

(e) Liaising and coordinating with MEU subordinate senior staff regarding the operating protocol and approaches for consultancy projects, the preparation of project scopes, briefs and terms of reference, as well as schedules, budgets, reports and presentations;

(f) Liaising with and assists clients in the survey, analysis and prioritisation of business problems and opportunities, ensuring that proposed projects fit with Government policies and strategies;

(g) Representing MEU in events both locally and abroad.

The main skills and other requirements of the CEO at the MEU include:

(a) Ability to think strategically, analytically and conceptually in relation to organizational management, change and development;

(b) High level of interpersonal, presentation and communication skills (oral and written);

(c) *Track record* ta' kompetenza u riżultati fl-immaniġġar u/jew konsulenza;

(d) Impenn lejn immaniġġar ta' kwalità u servizz lill-klijent;

(e) Tattika u diplomazija;

(f) Dispożizzjoni li jaħdem anke barra mill-iskeda uffiċjali tax-xogħol biex jilħaq il-miri fil-ħin.

Eliġibbiltà

5.1 Sad-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' stati oħra membri tal-Unjoni Ewropea li għandhom il-jedd għal trattament ugwali għal dak ta' ċittadini Maltin f'dak li jirrigwarda impjiegi permezz ta' leġiżlazzjoni tal-UE u trattati dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' xi pajjiż ieħor li huma ntitolati għal trattament ugwali għal dak ta' ċittadini Maltin f'dak li jirrigwarda impjiegi permezz tal-fatt li l-leġiżlazzjoni tal-UE u trattati dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema japplikaw għal dak il-pajjiż; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li huma intitolati għal trattament ugwali għal dak ta' ċittadini Maltin f'dak li jirrigwarda impjiegi, bil-liġi jew permezz ta' leġiżlazzjoni u trattati tal-UE hawn fuq imsemmija minħabba relazzjoni ta' familja ma' persuni msemmija f'paragrafi (a), (b) jew (ċ); jew

(e) persuni ta' terzi pajjiżi li ngħataw status ta' residenza fit-tul f'Malta taħt regolament numru 4 tar-'Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', 2006 jew li ngħataw permess ta' residenza taħt regolament nru 18(3) tal-istess Regolamenti, flimkien ma' membri tal-familja ta' tali persuni ta' pajjiżi terzi li ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

F'każ ta' ħtieġa ta' interpretazzjoni ta' dawn l-imsemmija dispożizzjonijiet għandu dejjem jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-*Expatriates*.

Il-ħatra ta' kandidati li saret referenza għalihom taħt punti (b), (ċ), (d) u (e) iktar qabel tkun teħtieġ li tinħareġ liċenzja ta' impjieg kif mitlub taħt L-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Dwar dan għandha tiġi konsultata skont il-ħtieġa l-Korporazzjoni għall-Impjiegi u Taħriġ .

(ii) jafu jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(c) Demonstrated track record of competence and results in management and/or consultancy;

(d) Commitment to quality management and customer service;

(e) Tact and diplomacy;

(f) Willingness to work outside official working hours to meet deadlines.

Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) ikollhom kwalifika *post-graduate* rikonoxxuta *(Masters)* f'livell 7 tal-MQF fil-*Public Policy*, *Business Administration*, *General Management*, *Human Resource Management, Financial Management*, *Project Management*, *ICT Management*, Studji Legali, jew Studji Ambjentali, flimkien ma' ħmistax-il sena (15) ta' esperjenza f'xogħol relatat, li minnhom, minimu ta' għaxar (10) snin irid ikun f'kariga maniġerjali jew ta' konsulenza;

Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà sakemm ikunu in regola mar-rekwiżiti ta' suġġett speċifiku u esperjenza ta' xogħol kif spjegat qabel.

Jiġu kkunsidrati wkoll kandidati li għad m'għandhomx formalment xi waħda mill-kwalifiċi hawn fuq imsemmija, sakemm dawn jipprovdu evidenza sad-data u l-ħin tal-għeluq tas-sejħa li l-ħatra tal-kwalifiki in kwestjoni diġà ġiet approvata.

(iv) ikunu ta' karattru morali sod: Kandidati li huma diġà impjegati mas-Servizz Pubbliku Malti għandhom jippreżentaw Formola dwar Servizz u *Leave* (GP 47). Kandidati minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta, maħruġ mill-Pulizija jew xi awtorità oħra kompetenti mhux iktar minn xahar qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt xi darba kinux fis-servizz governattiv, u fil-każ għandhom jagħtu id-dettalji ta' dan.

Dokumentazzjoni li għandha tiġi ppreżentata

6.1 Kwalifiki u esperjenza ddikjarati għandhom jiġu ssostanzjati b'ċertifikati u/jew xhieda dokumentata, liema kopji għandhom jinhemżu mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Kap Ko-ordinatur (Taħriġ, Riċerka u Konsulenza) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fil-*Management Efficiency Unit*, f'dan l-indirizz: MCE Building Livell 1, Triq L-Industrija, Ħal Qormi QRM 3000 sad-data tal-għeluq.

6.2 Applikanti eliġibbli se jkunu evalwati minn Bord tal-Għażla li jiddetermina jekk humiex adatti għal din il-kariga. Iċ-ċertifikati u/jew xhieda dokumentatat oriġinali iridu bilfors jintwerew waqt l-intervista biex issir verifika tagħhom.

6.3 (a) Dwar kwalifiċi relatati ma' din is-sejħa, il-kandidati jinħtieġu li jippreżentaw dikjarazzjoni ta' rikonoxximent miċ-Ċentru Malti għar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki (MQRIC) li huwa bbażat fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew minn xi awtorità oħra li għandha dan il-għan, skont il-każ. Kopja ta' din id-dikjarazzjoni trid tinhemeż mal-applikazzjoni u l-oriġinali għandha tintwera fl-intervista.

(b) Applikanti li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent jistgħu japplikaw xorta waħda, iżda kif din

(iii) in possession of a relevant recognized postgraduate degree (i.e Masters) at MQF Level 7 in Public Policy, Business Administration, General Management, Human Resource Management, Financial Management, Project Management, ICT Management, Legal Studies, or Environmental Studies, plus fifteen (15) years relevant work experience, minimum ten (10) years of which must be in a management or consultancy position;

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject and work experience requirements as stated above.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character: Applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47). Applicants from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

Submission of supporting documentation

